IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 26.9.2024
COM(2024) 423 final

ANNEX

ANNESS

tar-

Rakkomandazzjoni għal Deċiżjoni tal-Kunsill

li toħroġ direttivi lill-Kummissjoni għan-negozjar tat-tiġdid tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (Euratom) u l-Organizzazzjoni għall-Iżvilupp tal-Enerġija fil-Peniżola Koreana (KEDO)

ANNESS

Direttivi ta' Negozjati

1. OBJETTIV

Il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji u legali tal-Euratom fl-istralċ ordnat tal-KEDO.

2. IMPLIMENTAZZJONI

It-tiġdid tas-sħubija fl-Euratom huwa soġġett għall-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) is-sħubija għandha tkun għaż-żmien meħtieġ biex jiġu solvuti l-kwistjonijiet finanzjarji pendenti tal-KEDO ma' partijiet terzi, sakemm ma tkun meħtieġa l-ebda kontribuzzjoni finanzjarja ġdida;

(b) L-attivitajiet tal-KEDO għandhom ikunu limitati għad-difiża tal-interessi finanzjarji tagħha u għat-tħejjija u l-eżekuzzjoni tal-istralċ xieraq tagħha;

(c) il-membri l-oħra kollha tal-Bord Eżekuttiv tal-KEDO għandhom ikomplu s-sħubija tagħhom fil-KEDO;

(d) l-Artikoli dwar in-nuqqas ta' responsabbiltà istituzzjonali u finanzjarja għandhom ikunu l-istess bħal fil-ftehimiet preċedenti bejn l-Euratom u l-KEDO;

(e) L-Euratom għandha tipparteċipa fl-attivitajiet tal-Bord Eżekuttiv tal-KEDO bl-istess drittijiet bħall-membri l-oħra tal-Bord Eżekuttiv.

Dawn il-kundizzjonijiet għandhom jibqgħu validi għal ftehim wieħed jew aktar bejn l-Euratom u l-KEDO sakemm it-tiġdid tas-sħubija tal-Euratom fil-KEDO ma jkollu l-ebda impatt finanzjarju fuq il-baġit tal-Unjoni.